MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2014

Rikors Numru. 176/2008

**Ghasan Kaseb, Adal Kaseb u Abouzidan Nadim f'isimhom proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' binhom minuri Rayan Abou Zidan**

**vs**

**Il-Principal tad-Dipartiment u l-Expatriates, il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Ufficjal Principali ghall-Imigrazzjoni**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Ghasan Kaseb, Adal Kaseb u Abouzidan Nadim f’isimhom proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta’ binhom minuri Rayan Abou Zidan, li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Huma talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tinibixxi lill-Principal tac-Cittadinanza u l-Expatriates milli johrog ordni ta’ tluq ghal Adal Kaseb, zewgha Abouzidan Nadim u binhom minuri Rayan Abouzidan;

Dan ghamluh a tenur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, liema artikolu jipprotegi d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata u l-familja, u liema Artikolu jiddikjara wkoll illi m’ghandux ikun hemm indhil minn awtorita’ pubblika dwar l-ezercizzju ta’ dan id-dritt hlief fic-cirkostanzi elenkati f’Subinciz (2);

It-talba saret ukoll fid-dawl ta’ Artikolu 45(3) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, Artikolu 14 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u dan ghaliex ordni ghal tnehhija tfisser diskriminazzjoni fil-konfront kemm ta’ Ghasan Kaseb kif ukoll ta’ Adal Kaseb, Nadim Abou Zidan kif ukoll il-minuri Rayan minhabba l-origini nazzjonali ta’ Adal Kaseb, zewgha u binhom;

Din l-Onorabbli Qorti cahdet it-talba tar-rikorrenti, bil-konsegwenza illi jumejn wara, ir-rikorrenti Adal Kaseb u

zewgha rcevew ittra minghand id-Dipartiment tac-Cittadinanza u l-Expatriates sabiex jitilqu mill-pajjiz sat-28 ta' Frar 2008;

It-talba ghall-inibizzjoni saret a tenur tal-Artikolu 873(1) tal-Kap. XII tal-Ligijiet ta' Malta stante illi l-assenza ta' mandat ta' inibizzjoni tfisser illi r-rikorrenti Adel Kaseb, zewgha u binhom minuri ser ikunu pregudikati irrimedjabilment, minhabba l-ordni ta' tluq fil-konfront taghhom mid-Dipartiment tac-Cittadinanza u l-Expatriates;

Fil-fatt, galadarba hemm ordni ta' tluq, ser jigi wkoll pregudikat id-dritt tar-rikorrenti ghal smigh xieraq kemm skont il-Kostituzzjoni (Artikolu 39) kif ukoll a tenur tal-Kap. 319 (Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda) u l-Konvenzjoni Ewropea (Artikolu 6) stante illi bhalissa hemm ghaddejja kawza kostituzzjonali fl-ismijiet "Ghasan Kaseb et vs Il-Prim Ministru et" (04/08 FS) illi hija differita ghall-provi tar-rikorrenti ghas-17 ta' April 2008ghall-provi tar-rikorrenti;

Bir-rispett kollu, dan imur kontra Artikolu 17 u 18 tal-EC Treaty illi Malta ghandha l-obbligu li thaddan stante illi hija membru tal-Unjoni Ewropea;

Dan l-agir fil-konfront taghhom lanqas ma hu konformi mad-decizjonijiet tal-European Court of Justice ghall-kawzi fl-ismijiet "Baumbasi & R V Secretary of State for the Home Department (2001) u Mario Vincente Micheletti and others vs Delegation del Gobierno et Catabria (1992)";

B’kull rispett, il-Qrati Maltin huma fid-dover illi jipprovdu protezzjoni lil kwalunkwe persuna prezenti f’dawn il-gzejjer, tkun xi tkun in-nazzjonalita’ jew post ta’ origini taghha mhux biss f’kaz ta’ allegat ksur ta’ drittijiet tal-bniedem jew libertajiet fundamentali, imma anke f’kaz ta’ possibilta’ illi jigu miksura l-imsemmija drittijiet jew libertajiet u dan a tenur ta’ Artikolu 4 tal-Kap. 319 kif ukoll Artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta;

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponenti jitolbu umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka contrario imperio d-digriet taghha tas-6 ta’ Frar 2008 billi tordna illi d-Dipartiment tac-Cittadinanza u l-Expatriates jigi inibit milli johrog ordni ta’ tnehhija mill-pajjiz fil-konfront tar-rikorrenti Adal Kaseb, Abou Zidan Nadim u binhom minuri Rayan Abou Zidan.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta tal-Principal tad-Dipartiment tac-Cittadinanza u l-Expatriates, il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Ufficjal Principali ghall-Imigrazzjoni, li in forza taghha eccepew illi:

Dina r-risposta qieghda ssir ai termini tad-digriet tal-11 ta’ April 2008 fejn dina l-Onorabbli Qorti tat lill-esponenti ghaxart ijiem sabiex jintavolaw ir-risposta taghhom.

L-esponenti jopponu illi l-atti ta’ dan ir-rikors li permezz tieghu, ir-rikorrenti qeghdin jitolbu r-revoka contrario imperio tad-Digriet ta’ dina l-Onorabbli Qorti tas-6 ta’ Frar 2008 jintbaghtu

quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) diversament presjeduta.

L-esponenti jirrilevaw illi l-Artikolu 836(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) li a bazi tieghu qieghed isir ir-rikors in risposta, japplika biss fil-kaz illi jkun inhareg att kawtelatorju kontra l-intimat u f'dawk il-kazijiet biss ikun jista' jigi invokat l-Artikolu 836(1) tal-Kap. 12. Illi fil-kaz odjern, ir-rikorrent kien talab il-hrug tal-att kawtelatorju, liema talba ma ntlaqatx minn dina l-Onorabbli Qorti kif jirrizulta mid-Digriet tas-6 ta' Frar 2008 u ghalhekk l-istess artikolu ma japplikax u kull rikors li sar a bazi tieghu huwa ghalhekk irrecevibbli u ghandu jigi michud okkorrendo wara *lectio brevis* minghajr il-bzonn illi jigi riferut lil kwalunkwe Qorti ohra.

Ghaldaqstant, l-esponenti qieghed jopponi t-talba.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti u n-nota responsiva tal-intimati.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti qed jitlob li din il-Qorti tirrevoka digriet taghha li permezz tieghu kienet giet michuda talba tar-rikorrenti biex izomm lill-intimati milli johorgu removal orders fil-konfront ta' Adal Kaseb, Abouzidan Nadim u Rayan Abou Zidan.

Jirrizulta illi fil-mori ta’ dawn il-proceduri gew decizi proceduri kostituzzjonali istitwiti mir-rikorrenti odjerni fuq l-istess mertu tal-proceduri li qeghdin quddiem din il-Qorti llum u f’liema proceduri, it-talbiet rikorrenti gew michuda.

F’dawk il-proceduri, il-Qorti waslet ghad-decizjonijiet taghha wara li kkunsidrat il-lanjanzi kollha ta’ indoli kostituzzjonali li ressaq ir-rikorrenti. Ghal dawn, din il-Qorti taghmel pjena referenza u tinnota li wassluha ghall-konkluzjoni li l-ilment tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Ma ngabet lill-Qorti ebda raguni li ghaliha ghandha tiddeciedi mod iehor.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad it-talbiet tar-rikorrenti ghaliex mhux misthoqqa.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------